MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 193/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt. illum Assistent Kummissarju Neil Harrison)**
**Vs**
**Raymond Magri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer fis-6 t'Awwissu 2002 u matul l-aħħar sitt xhur qabel dina d-data:

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i, jew għall-persuna/i, mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, w mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga

msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija w mingħajr ma kellu liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaiana, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern  skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtroizzat timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija w ma kienx b’xi b’mod ieħor , bil-liċenzja mill-Presdient ta’ Malta li jkollu fil-pussess tiegħu dina d-droga w naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regoli msemmija w dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

ċ) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17(h) u 18 tal-Kap. 9 kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-Kap. 101 kif ukoll ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, sabet lill-appellant hati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel wahda w ikkundannatu ghal tmien xhur prigunerija w ghall-hlas ta’ multa ta’ €720 liema multa tista’ tithallas

b'rati mensili ta' €80 fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc jithallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma' tithallasx din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti kkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-esperti li pprezentaw zewg relazzjonijiet li swew €313.56.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni w tirrevoka f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u fejn ikkundannatu ghal tmien xhur prigunerija w ghall-hlas ta' multa ta' € 720 u minflok tilliberah mill-ewwel imputazzjoni w tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti fejn tikkoncerna l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-
Illi s-sejbien ta' htija fl-ewwel imputazzjoni esklussivament a bazi ta' dak li qal ix-xhud Darren Brincat hija *unsafe and unsatisfactory*. L-inaffidibilita' ta' dan ix-xhud hija riflessa fil-mod kif, qisu xejn m'hu xejn, f'zewg okkazzjonijiet quddiem l-Ewwel Qorti qabad u biddel il-verzjoni tieghu. Wara li xehed darbtejn li ma kienx xtara droga minghand l-appellant, fuq insistenza tal-Qorti, Darren Brincat biddel il-verzjoni tieghu w ipponta subghajh lejn l-appellant.
Illi din ix-xiehda wahedha ma hijiex bizzejjed biex tinstab htija fl-appellant. It-tfittxija li saret mill-Pulizija fir-residenza tieghu, se mai, tindika li l-appellant huwa persuna li tuza d-droga izda mhux li tittraffikaha. Fil-fatt, fil-fehma ta' l-espert forensiku nominat mill-Qorti l-Ispizjar Mario Mifsud, "ma sarux ezamijiet u lanqas analizi fuq id-

dokument 04 ADR 03, li kien jikkonsisti minn business cards, bicciet ta’ karti, note book, envelope, ricevuta w borza, il-ghaliex minn dan id-dokument ma seta’ jsib xejn li seta’ jkun ta’ relevanza ghal dan il-kaz”. In poche parole, dak kollu li nstab kien, mhux biss jindika li l-appellant kien user, izda kien addirittura jeskludi li kien traffikant peress li ma nstab assolutament xejn li setgha b’mod jorbtu mat-traffikar. Infatti l-Pulizija Ezekuttiva, fir-rigward tad-droga misjuba fir-residenza tieghu, akkuzatu b’pussess “semplici”. Dan il-fattur jargina l-akkuza ta’ traffikar ghax-xiehda ta’ Brincat.
Illi t-tfittxija li saret fil-confectionery ta’ l-appellant irrizultat fin-negattiv. Wiehed bilfors jistaqsi li jekk dak li qed jghid Darren Brincat ghandu mis-sewwa, kif ma nstab xejn ghall-inqas fil-confectionery imsemmi? Kif kien suppost jittraffika l-appellant minghajr mizien, minghajr qratas u minghajr boroz? Dan qed jinghad ukoll fl-isfond tal-fatt li Brincat instab fil-pussess ta’ borza tal-plastic li kienet tikkontjeni l-kokajina. F’cirkostanzi bhal dawn, id-dubju ghandu jmur favor l-akkuzat u mhux favor min qieghed jibbenefika mill-fatt li qed jindika terza persuna lill-Pulizija.
Illi jinghad bl-akbar rispett li huwa wkoll kemm xejn stramb li l-Ewwel Qorti donna tiprova tiggustifika d-decizjoni taghha billi, fis-sentenza tghid li qed izzomm it-tape biex min ikollu jiggudika jkun jista’ jisma’ t-tape (sic!).
Illi ghalkemm huwa risaput li x-xiehda ta’ xhud wiehed, jek emmnut, hija bizzejjed biex twassal ghal sejbien ta’ htija, qed jigi sottomess li meta dan ix-xhud wahdani huwa xhud inkonsistenti u konfuz u x-xiehda tieghu, mhux talli ma tkunx korroborata izda addirittura tkun kontradetta mill-provi li jkunu ngabu mill-istess prosekuzzjoni, ma jkunx safe and satisfactory, li persuna tinstab hatja w tigi kkundannata ghal terminu ta’ prigunerija esklussivament a bazi tax-xiehda tieghu.

Ikkunsidrat :

Dan l-appell huwa limitat ghall-ewwel akkuza, dik illi l-appellant kien forna jew ipprokura d-droga kokajina minghajr permess jew minghajr awtorizzazjoni bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi w dan

ghaliex ix-xiehda ta’ Darren Brincat ma kienitx veritjera w l-Ewwel Qorti ma kellix toqghod fuqha.

Ikkunsidrat :

Wara li l-Qorti fliet l-atti tal-process, specjalment is-sentenza tal-Ewwel Qorti tad-29 ta’ Mejju 2009, issib illi x-xiehda ta’ Darren Brincat kienet determinanti ghall-Ewwel Qorti biex issib htija rigward l-ewwel akkuza.

Veru illi rrizulta li Darren Brincat biddel il-verzjoni tieghu diversi drabi, izda l-Ewwel Qorti deherilha illi minkejja kollox ix-xiehda ta’ Brincat, fejn kienet ikkorroborata mall-istqarrija tieghu, kienet wahda veritjera w ghalhekk iddecidiet illi ssib htija (ara paragrafu 20 tas-sentenza).

Fil-kors ta’ dawn il-proceduri, fl-istadju tal-appell, tela’ jixhed Richard Borg illi ma xehedx fl-ewwel istanza w dana qal illi jumejn qabel program imtella mill-Caritas f’Bahar ic-Caghaq hu Richard Borg iltaqa’ ma Darren Brincat u tlieta ohra. Darren Brincat qallu illi kien qed ihossu “guilty” jew jiddispjacih li ghamel stqarrija illi xtara d-droga w wahhal f’Raymond Magri. Borg qallu li ghamel hazin u qallu li kien ser jixhed fuq dan il-punt u Darren Brincat ma hax gost.

Fil-gradwazzjoni Richard Borg iltaqa’ ma’ Raymond Magri, f’San Blas, peress li dan ta’ l-ahhar kellu t-tifel hemmhekk u qallu b’dan l-incident. Dan ukoll twassal lill-Avukat ta’ Raymond Magri Joe Giglio.

Darren Brincat ukoll xehed fl-istadju tal-appell, pero’ hawnhekk kien nebuluz u konfus bhal ma ukoll deher li kien fl-ewwel istanza meta xehed quddiem il-Magistrat.

Quddiem il-Qorti tal-Appell Darren Brincat qal li ma jiftakarx illi sar dak id-diskors. Kien ghaddej minn kura psikjatrika qawwija w jiehu madwar hdax il-pillola kuljum.

Mistoqsi jekk verament qalx dak id-diskors illi semma Richard Borg, Darren Brincat ghazel li ma jwiegibx ghal

dik id-domanda, pero` kkonferma illi kien prezenti ghal dik il-presentazzjoni illi saret mill-Caritas f'Bahar ic-Caghaq.

Ikkunsidrat :

Kif gja inghad, ix-xiehda ta' Darren Brincat kienet determinanti f'mohh l-Ewwel Qorti biex sabet htija dwar l-ewwel akkuza w ghalhekk ghandu jitqies bhala l-unika xhud illi kellha l-prosekuzzjoni sabiex tipprova dik l-akkuza.

Kif tajjeb osserva l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, xhud wiehed jekk emnut, huwa bizzejjed biex iwassal ghal sejbien ta' htija (art. 638 (2) Kap. 9) pero' hemm certa regoli x'jigu osservati qabel il-Qorti ma tkun tista' titfa l-piz kollu ta' kredibilita' fuq dak ix-xhud. Fosthom hemm l-imgieba, l-kondotta w il-karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandix mis-sewwa jew ihiex konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda w jekk ihiex imsahha minn xiehda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz (art. 637 Kap. 9).

L-Ewwel Qorti ghamlet dan l-ezami u waslet ghall-konkluzzjoni illi minkejja kollox kellha tistrieh fuq ix-xiehda ta' Darren Brincat, pero' ma kellix quddiemha x-xiehda moghtija minn Richard Borg kif ukoll ir-reazzjoni ta' Darren Brincat ghal din ix-xiehda.

Veru illi x-xiehda ta' Richard Borg hija "hearsay" peress illi huwa qed jirrakonta xi haga illi qallu haddiehor u dak il-haddiehor ma kienx f'posizzjoni illi jikkonferma din ix-xiehda, pero' din il-Qorti ma tistax ma tosservax in-nuqqas ta' konsistenza tax-xiehda moghtija minn Darren Brincat, kemm fl-Ewwel Qorti kif ukoll fl-istadju tal-appell li jitfa' dubju kemm dik ix-xiehda ghandha mis-sewwa.

Il-Qorti jidhrilha illi dan id-dubju mihix qeghda timmanifestah b'mod kappriccuz izda wara illi ezaminat b'reqqa x-xiehda moghtija minn Darren Brincat, anki fil-kuntest tal-kura psikjatra illi qed jiehu.

Zgur pero` illi din il-Qorti thoss illi m'ghandhix dak il-konvinciment morali biex twassal ghal dikjarazzjoni ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni.

Minkejja l-ostaklu tax-xiehda ta' Richard Borg, il-Qorti jidhrilha illi dina tinkwadra mad-disposizzjoni li kellu Darren Brincat kemm quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell, disposizzjoni konfuza w nebuluza illi ma tistax twassal ghall-konkluzzjoni illi Darren Brincat qieghed jghid il-verita'.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghandha tvarja l-ewwel sentenza peress illi ma jidhirlix illi jezistu provi bizzejjed minghajr dubju dettat mir-raguni sabiex issib htija dwar l-ewwel akkuza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddecciedi illi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati taghha w tvarja wkoll il-piena fis-sens illi wara li rat l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap. 101 tikkundanna lill-appellant ghall-piena ta' prigunerija ta' tlett (3) xhur u multa ta' €465.87 kif ukoll ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tikkundanna lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-esperti li jiswew €313.56.
Tordna d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------